## FUNDAZZJONI LIBRERIJA



Kull sengħa għandha l-għodda tagħha. Bla dubju ta' xejn l-għodda li juża s-saċerdot hija l-kotba. Fil-librerija tagħna wieħed diġa jsib ħafna kotba interessanti. Imma biex wieħed iżomm lilu nnifsu up to date irid jixtri kotba ġodda u dawn dejjem ħergin.

Int, tista tkun Fundatur tal-librerija tagħna. Tista' tagħmel dan billi tagħti donazzjoni ta' €117 (Lm50) darba biss. Din is-somma inpoġġuha l-bank u bl-imgħax ta' kull sena nixtru l-kotba. Ma kull ktieb li jinxtara titwaħħal lable b'isem u b'talba għalik. B'hekk flusek jibqgħu jagħmlu l-ġid ukoll, wara mewtek.

## PROGRAMM TAL-FESTA TA' SANT' AGATA
### FIL-KNISJA TA' SANT' AGATA, RABAT



Jiem tat-Tridu:
L-Erbgħa 30 ta' Jannar, il-Ħamis 31 ta'Jannar u l-Ġimgħa l-1 ta' Frar
***Fis-7:00pm*** ***Rużarju, Quddiesa bl-Omelija wara Innu w Antifona***

Lejliet il-Festa:
Is-Sibt 2 ta' Frar 2008
***6:00pm*** ***Quddiesa b' Għasar***

Jum il-Festa:
Il-Ħadd 3 ta' Frar
***Fis-7:00am*** ***Quddiesa***
***Fid-9:30am*** ***Quddiesa Pontifikali mill-Kapitlu Metropolitan, Bil-Paniġirku***
***Fis-6:00pm*** ***Għasar Innu, Antifona u ċelebrazzjoni Ewkaristika***

Kant tal-Festa ikun taħt it-tmexxija tas-Surmast Carmen Deguara L.R.S.M., L.T.C.L., Dip. Music St. (Sacred Music)


JANNAR 2008 / GĦADD 422
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP

# Għanalilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

NEWSPAPER POST





SOĊJETÀ MISSJUNARJA TA' SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


## PARROĊĊA ĠDIDA FIL-PERU

Fr. Marcell Portelli m.s.s.p. jikteb mill-Peru

**Fl-1984 hawn il-Perù bdejna naċċettaw żagħżagħ peruwani biex jidħlu fis-Soċjeta' tagħna. Sa l-1993 d-Dar ta' Formazzjoni kienet ġewwa Arequipa fis-south tal-Peru'. Iżda fi Frar tal-1994 d-Dar ta' Formazzjoni giet trasferita Lima, l-Belt Kapitali tal-Peru' minħabba li f'Lima hawn ħafna aktar opportunitajiet għall-formazzjoni taż-żagħżagħ tagħna.**

Minn meta ġejna Lima bdejna ngħinu f'diversi parroċċi bħala xogħol pastorali. Fil-2004 l-Isqof Awżiljari ta' Lima, Mons Adriano Tomasi, Franġiskan, talabna jekk nistgħux nieħdu f'idejna ż-żona Pastorali tat-tielet parti ta' Pando fejn il-Kappella hi ddedikata għall-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb.

Din iż-żona għandha bejn wieħed u iehor 15,000 ruħ. Il-parti l-kbira tan-nies huma ta' klassi medja, hemm ftit li huma ftit aktar 'l fuq minn klassi medja u numru mhux ħażin ta' fqar. L-ewwel ħaġa li għamilt biex insir naf in-nies u l-familji tal-parroċċa kienet t-tberik tad-djar tal-familji. Dan għinni ħafna biex insir naf in-nies aħjar. Domt sentejn biex berikt d-djar kollha. Xi wħud minn nies qaluli li kien ilhom snin ma jbierku d-dar tagħhom. Għall-grazzja t'Alla n-nies laqgħuna tajjeb ħafna.

Minħabba li l-qassis li kien hemm qabel kien waħdu, ma setax ilaħħaq max-xogħol pastorali kollu, allura kien itihom quddiesa jew tnejn il-Ħadd. F'din il-Kappella għandna 11 il-grupp, fosthom grupp taż-żagħżagħ, Grupp tal-Madonna tar-Rimedju t-tajjeb, Legion of Mary, etc. Naturalment kull grupp jiltaqà f'ġurnata u f'ħin differenti. Issa f'din is-sena l-Kardinal ta' Lima qalilna li ser jagħmilha parroċċa. Is-Superjuri talbuni biex inkun jien bħala l-Ewwel Kappillan ta' din il-parroċċa ddedikata lill-Madonna tar-Rimedju t-Tajjeb. Fil-fatt il-funzjoni tal-Pussess tiegħi bħala Kappillan sar s-Sibt 5 ta' Jannar. Għal din l-okkażjoni l-Knisja kienet mimlija bin-nies. Bil-għajnuna t'Alla mar kollox sew u n-nies baqgħu kuntenti ħafna. U hekk issa ġewwa Lima, l-Belt Kapitali tal-Perù għandna l-parroċċa tagħna.

Din il-parroċċa ħadniha biex iż-żagħżagħ tagħna li qegħdin fil-formazzjoni u s-saċerdoti li qegħdin jikkumpanjawhom ikollhom fejn jagħmlu l-apostolat tagħhom. Vantaġġ kbir ta' din il-parroċċa hu li qiegħda kwarta bogħod bil-karozza mid-dar tal-formazzjoni tagħna.

L-ewwel pjan tagħna għal din is-sena hu li niffurmaw minn din il-Parroċċa kommunità ta' kommunitajiet. Din m'hix xi ħaġa faċli, iżda għandna t-tama li bil-fiduċja f'Alla u bil-koperazzjoni tan-nies tal-Parroċċa stess naslu. Itolbu għalina biex din il-ħolma li niffurmaw kommunitajiet fil-Parroċċa ġdida ta' Lima xi darba issir rejaltà.



# IL-MISSJONI SARET HAJTI!

Fr. Joe Cremona mssp jikteb mill-Filippini

**Illum ser inlaqgħukom ma żewġ missjunarji li qed jaħdmu f'żewġ kontinenti differenti, wieħed fil-Kontinent ta' l-Amerika u l-iehor fil-Kontinent ta' l-Asja.**

Jiena ġejt ordnat saċerdot f'Lulju tal-1983 u ftit xhur wara l-ordinazzjoni flimkien ma' missjunarju iehor morna l-Perù ġewwa l-belt ta' Arequipa. Din kienet l-ewwel esperjenza missjunarja tiegħi. Għall-ewwel ftit żmien kont ngħix fil-parroċċa ta' Acequia Alta flimkien ma' Dun Gejt (Alla jtih il-glorja tal-Ġenna) u Fr. M.Adami. Ftit wara is-Soċjetà bdiet taħseb biex tibni dar ta' Formazzjoni ġewwa r-raħal ta' Buenos Aires. Jiena ġejt imqabbad biex nieħu ħsieb il-bini. Niftakar li kollox kien fil-bidu tiegħu. La asfalt, la ilma, bla trasport pubbliku, bla telefon. Iżda Alla kbir u dejjem jimxi magħna, għax minkejja l-faqar materjali n-nies ta' Buenos Aires kienu miftuħa u għonja fil-qalb tagħhom. Meta inħares lura ngħid grazzi lil Alla u lil dan il-poplu Peruwan għax tawni l-opportunità li nikber magħhom u nitgħallem minnhom. Huwa poplu li għandu qalb umana u jipprova jgħin u jifhem lil dik il-persuna li tkun qegħdha f'nofshom.

Fil-Perù kont f'diversi ministeri. Wara waqfa ta' sitt snin fl-amministrazzjoni ċentrali tas-Soċjetà erġajt mort lura għal sena. F'Diċembru tal-2002 ġejt mitlub immur il-Filippini. L-ewwel sentejn u nofs kont gewwa Manila ngħin fil-parroċċi u l-għaqdiet. F'April tal-2005 bdejt il-ministeru tiegħi ġewwa Pagalanggang li huwa raħal agrikolu fil-Provinċja ta' Bataan. Hawnhekk ukoll bdejt mix-xejn. L-anqas dar ma kelli. Bil-għajnuna t'Alla permezz tagħkom il-benefatturi bnejt daqxejn ta' sagristija li fiha hemm l-uffiċini parrokkjali, ir-residenza tiegħi u kamra zgħira għal laqgħat. Il-parroċċa hija ddedikata lil Santa Katarina minn Lixandra u din iż-żona saret parroċċa sentejn u nofs ilu. Il-parroċċa ta' Pagalanggang hija magħmula minn diversi irħula oħra. B'kollox hawn tmien żoni, erba irħula u erba squatter areas. Il-parruċċani huma fil-maġġoranza tagħhom ħaddiema fl-għelieqi li s-sidien tagħhom jgħixu f'post iehor. Peress li din iż-żona qatt ma ħasbu li ssir parroċċa allura l-knejjes kienu kappelli zgħar. Fil-fatt xi sena u nofs ilu estendejna l-knisja b'għaxar metri. Din hija l-parroċċa. Għall-grazzja t'Alla għandna diversi Movimenti Ekklesjali, prayer groups taż-żgħażagħ u l-adoloxxenti. Il-focus tal-parroċċa huwa l-familja. Dan igib diversi attivitajiet. Tieħu gost tara ħafna nies involuti fil-pagaents tal-Milied u tal-Passjoni. Dawn isiru b'entużjażmu kbir. Imma kollox isir fil-Knisja għax m'għandnix fejn. Għalhekk aktar ma' jgħaddi ż-żmien aktar qed tinħass il-ħtiega ta' ċentru għaż-żagħżagħ

> **"Meta inħares lura ngħid grazzi lil Alla u lil dan il-poplu Peruwan għax tawni l-opportunità li nikber magħhom u nitgħallem minnhom. Huwa poplu li għandu qalb umana u jipprova jgħin u jifhem lil dik il-persuna li tkun qegħdha f'nofshom."**

u għall-familja in generali. Minħabba li hija żona rurali m'hawnx post ta' rikreazzjoni. Ix-xewqa tagħna hi li nibnu ċentru għall-attivitajiet kollha. Fil-fatt ġejna mogħtija biċċa art madwar 10,000 metru kwadrat. Bit-tbatija lestejna il-boundary wall u x-xewqa tagħna hija li nibnu ċentru ta' formazzjoni. L-ewwel biċċa tal-proġett hi ċ-ċentru taż-żagħżagħ, u l-kumplament jiġi wara. Is-somma tal-bini tal-ewwel fażi hija madwar Lm65,000 u s'issa għandna miġbur Lm5,000. Għalhekk nittamaw fil-Provvidenza ta' Alla u fil-ġenerożità tal-benefatturi sabiex inkunu nistgħu naghtu bidu għal dan iċ-ċentru.



Fr.Victor Zammit mssp jikteb mill-Perù



Ilni saċerdot għal dawn l-aħħar 10 snin. Ħamsa minnhom qattajthom Malta u l-ħamsa l-oħra l-Peru. Dejjem kienet ix-xewqa tiegħi li mmur l-missjoni speċjalment il-Peru fejn diġa kelli esperjenza tiegħu meta kont mort għal sena fl-1994.

Wara ħames snin ta' ħidma pastorali f'Malta ġejt imsejjaħ biex ningħaqad mal-missjunarji tagħna fil-Peru. Kien preċiżament f'Jannar tal-2003 meta ħallejt Malta għal kollox u bdejt ħajja ġdida fl-art imbegħda tal-Peru. Ridt nidra kollox mill-ġdid, ħajja ġdida, nies ġodda, lingwa ġdida, kultura ġdida u stil ta' ħajja differenti minn dak li kont imdorri bih. Ridt immur lura fil-mentalità biex stajt nifhem il-faqar li fih jgħixu tant nies nieqsa minn kollox. Ir-realtà ta' faqar hija kiefra wisq. Meta bdejt nidħol man-nies bdejt nitgħallem minnhom xi tfisser it-tbatija. Ridt nara kif nista ngħinhom ukoll għax ma stajtx nibqà indifferenti quddiem sitwazzjonijiet tant miżeri u disperati. Il-faqar mhux ġej biss mill-ġuħ jew min-nuqqas ta' xogħol imma minn tant inġustizzji u żbilanci li għadhom jiddominaw dan il-pajjiz. M'hix xi xena sabiħa tara quddiemek nies jibku b'qalbhom maqsuma għax m'hemmx tama għalihom! Jew il-mard li jifnihom bla waqfien! Jew in-nuqqas ta' dak li huwa bażiku bħal ħwejjeġ, ikel, dar u xogħol! Wieħed ma jemminx f'liema kundizzjonijiet baxxi u miżeri jgħixu l-foqra.

Illum, ix-xoghol tiegħi huwa li ngħin familji fil-Bżonn. Din l-għajnuna tikkonsisti f'bini ta' djar lill-foqra, għotja ta' sodod, kutri, ħwejjeġ, ikel u dak kollu li huwa bażiku għall-ħajja, għajnuna lil żgħażagħ u ġenituri biex isibu xogħol, għajnuna lit-tfal biex imorru l-iskola, għajnuna lill-morda permezz ta' mediċini u sptar. Ma tonqosx l-ewwel u qabel kollox l-għajnuna spiritwali u reliġjuża f'dan kollu. Huwa permezz tal-Fidi li dawn in-nies jistgħu jittamaw f'ħajja aħjar u jistrieħu ftit mill-qtiegħ il-qalb li kontinwament jkisser fuqhom. Il-Fidi f'Alla tagħtihom ċerta qawwa u kuraġġ biex jegħelbu tant diffikultajiet. Anki lili personalment!

Hafna drabi hija il-Fidi li tgħinni nimxi l'quddiem fost tant diffikultajiet li niltaqa' magħhom ta' kuljum. Kristu Ġesù huwa s-soluzzjoni ta' kollox. It-talb u l-għaqda m'Alla huma l-prinċipju ta' kollox. Ftit ilu mort nara familja li qed tgħix f'żona fqira hafna, f'kamra bla saqaf, imdawra b'munzelli ta' żibel, tfal jiġru u jqalbu qalb lż-żibel, irwejjaħ u ħmieġ ma' kullimkien. Ma nafx kif qed jgħixu hemm, imma ma kellhomx post iehor, bħall-Madonna u San Ġużepp meta marru Betlem. Qiegħed nara nsibilhomx post aħjar. Mhux faċli, imma nemmen li hu possibbli. Il-ħajja tiegħi missjunarja titlob d-difiża għal dawn in-nies u tant ohrajn li m'għandhomx vuċi u saħħa biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom. Inħoss li jien miniex waħdi. Hemm intom il-benefatturi tagħna li kontinwament issostnu l-missjoni li l-ħin kollu għaddejjin biha. Grazzi tal-għajnuna tagħkom il-benefatturi għax kieku ma nistgħux ngħinu tant nies fil-bżonn u foqra. F'idejkom għandkom parti kbira mill-missjoni tagħna. Komplu itolbu għalina u għinuna b'dak kollu li l-Mulej jipprovdilkom. Il-Missjoni trid tkompli ! Il-Mulej ibierek lil kull qalb ġeneruża u jagħti s-Sliem u l-Barka lil kulħadd.

